MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta ta' l-4 ta' Lulju, 2013

Appell Kriminali Numru. 451/2009

**Appell Nru. 451/09**

**Il-Pulizija**
**(Spt. Christopher Pullicino)**
**Vs**
**Owen Mallia**
**Omissis**

**Illum 4 ta' Lulju, 2013**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellat [detentur tal-karta tal-identita` numru 338083 (M)] quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli mill-parking area fi Triq Sir Philip Pullicino, Mtarfa fil-lejl ta' bejn it-2 u t-3 ta' Lulju 2002, ikkommettew serq ta' vettura ta' ghamla Vauxhall Astra b'numru ta' registrazzjoni IAA 829, liema serq huwa kkwalifikat fil-hin, bil-mezz, bil-valur li jeccedi l-elf lira Maltin u bin-natura tal-oggett misruq, liema serq sar ghad-dannu ta' Jeffrey Vassallo.

Fl-istess zminijiet, hin u cirkostanzi xjentement laqghu ghandhom jew xtraw hwejjeg misruqa, mehuda b’qerq jew akkwistati b’reat sew jekk dan sar f’Malta kif wkoll barra minn Malta, jew xjentement, b’kull mod li jkun indahal biex ibieghhom jew imexxihom.

F’dawn il-gzejjer, fl-istess data, lok, hin u cirksotanzi, volontarjament hassru, ghamlu hsara jew gharrqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli liema hsara hija aktar minn hames mitt lira Maltin, ghad-dannu ta’ Jeffrey Vassallo.

Lil Owen Mallia wahdu talli ikkommetta diversi reati/delitti li ghalihom hemm piena ta’ prigunerija fil-perjodu operattiv tas-sentenzi sospizi, liema sentenzi huma definittivi u datati 20 ta’ Lulju 2001 u 30 ta’ Mejju 2002.

Talli kiser il-provedimenti ta’ l-artiklu 9 tal-kap 152 tal-Ligijiet ta’ Malta ta’ sentenza datata 16 ta’ Frar 2000 fejn hu kien misjub hati ta’ reat u lliberat bil-kondizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tlett snin.

Talli irrenda ruhu ricediv ai termini tal-artikoli 49, 50, u 289 tal-kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, b’diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta’ Malta liema sentenzi saru definittivi u ma jistawx jigu mibdula.

U aktar talli fl-istess lok, data, hin u circostanzi hassar jew gharraq hwejjeg haddiehor mobbli jew immobbli u cioe’ parti minn Vettura KIA bin-numru tar-registrazzjoni LCA705 ghad-dannu ta’ Sarah Jane Caruana u dan ai terminu tal-artikolu 325 tal-kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tal-20 ta’ Novembru, 2009, li biha ma sabitx lill-appellat mhux hati skond l-akkuza w illiberatu.

Rat ir-rikors tal-appellant Avukat Generali minnu pprezentat fis-7 ta’ Dicembru, 2009, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata billi

tikkonferma n-nuqqas ta’ htija fil-konfront tal-akkuzi ta’ serq u hsara volontarja izda tirrevokaha in kwantu ma sabitx htija ta’ ricettazzjoni w minflok issib htija tal-akkuza ta’ ricetazzjoni w konsegwentement tal-akkuzi l-ohra w tinfliggi l-piena skond li-ligi.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellat esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravju tal-appellant fil-qosor, huwa s-segwenti w cioe':-
Illi l-Ewwel Qorti in vista tal-fatt li l-appellat kellu fil-garage tieghu van li kien jaf li kien misruq u zamm xi partijiet ghalih ma kellhix tilliberah. Illi ghalhekk l-Ewwel Qorti filwaqt li setghet ragonevolment ma ssibx htija fuq l-akkuzi ta’ serq u hsara volontarja certament kellha ssib htija fuq ir-ricettazzjoni u per konsegwenza fuq il-ksur ta’ sentenzi sospizi, probation u recidiva. Illi r-reat ta’ ricettazzjoni jsir malli jkun hemm il-pussess xjenti llegali anke jekk inizjalment dan ikun mankanti.

Ikkunsidrat:

Irrizulta fil-provi illi bejn il-lejl tat-tnejn u t-tlieta (2 – 3) ta’ Lulju tal-elfejn u tnejn (2002) insteraq vann Vauxhall Astra bin-numru ta’ registrazzjoni IAA 829 proprjetà ta’ Jeffrey Vassallo. Wara xi zmien din il-vettura nstabet fil-garaxx mikri lill-appellat Owen Mallia fejn kien qed izarma din il-vettura. Mallia jghid illi l-vann gabulu Terance Ciantar u gie minghajr planki u talbu jaghmillu favur u jzommlu l-vann fil-garaxx tieghu. Kien biss wara xi erbat ijiem illi Ciantar informa lill-appellat li l-vettura kienet misruqa. Fuq dan l-appellat qal lil Ciantar biex johroglu l-vann ‘il barra mill-garaxx. Però l-appellat deherlu illi kellu jzomm xi parts minn din il-vettura wara li sar jaf bil-provenjenza illecita taghha peress illi Ciantar ma kienx hallsu ghall-kiri tal-garaxx bhala storage tal-vann.

L-ewwel Qorti deherilha illi kellha tillibera lill-appellat mir-reat ta’ ricetazzjoni peress illi ma giex pruvat l-element

tax-scienza da parti tieghu mal-mument tal-konsenja. Il-Qorti kkonkludiet illi l-appellat kien jaf biss illi l-vann Vauxhall IAA 829 gie misruq wara li giet konsenjata lilu minn Ciantar. Il-Qorti mbaghad fhemet illi l-appellat kien qed izomm il-parts bhala pagament tal-kirja tal-garaxx tieghu ghaz-zamma ta' dan il-vann.

L-Avukat Generali hassu aggravat minn din is-sentenza u ilmenta principalment li l-ewwel Qorti filwaqt illi setghet ragjonevolment ma ssibx htija fuq l-akkuzi ta' serq u hsara volontarja, certament kellha ssib htija fuq ricettazzjoni u per konsegwenza fuq il-ksur ta' sentenzi sospizi, probation u recidiva. Illi r-reat ta' ricettazzjoni jsir malli jkun hemm il-pussess xjenti illegali anki jekk inizjalment dan ikun mankanti.

Ikkunsidrat:

Hawnhekk il-Qorti jidhrilha illi l-aggravju tal-Avukat Generali jisthoqq li jkun milhuq. Ghal dak li jirrigwarda x-xjenza l-Qorti taghmel riferenza ghall-kawza Pulizija versus George Schembri, appell inferjuri tat-30 ta' April 1992 fejn il-Qorti qalet, "... min jakkwista oggett f'cirkostanzi li fihom imissu jissuspetta li dan l-oggett kellu provenjenza illegittima u intant ma jaghmel xejn biex jikkontrolla dik il-provenjenza, huwa hati ta' ricettazzjoni. (Collez. Vol. XLV.IV.1032). Fil-kaz prezenti rrizulta illi l-appellat kien ircieva fil-garaxx tieghu xorb ikkonsenjat lilu ghal hamsa u nofs ta' filghodu minghand bniedem illi l-appellat innifsu ddikjara li kien jafu bhala kriminal. L-appellat dana ghamlu bhalma ghamel verifiki jew xi domanda rigwardanti l-provenjenza ta' dak ix-xorb. F'dawn ic-cirkostanzi jidher ovvju illi l-appellat kellu aktar minn suspett dwar il-kriminozità tal-provenjenza."

F'dan il-kaz Ciantar ikkonsenja fil-garaxx tal-appellat, bil-permess tieghu, vann minghajr pjanci, izda l-appellat ma ghamel l-ebda verifika ghaliex dak il-vann kien qieghed minghajr il-pjanci u accettah minghajr reklam. Jghid illi kien biss erbat ijiem wara illi gie mgharraf bil-provenjenza illecita tal-vettura. Kien hawnhekk imbaghad illi l-appellat ipprofitta ruhu mis-sitwazzjoni u ha xi parts minn dan il-

vann u zammhom ghalih. Zgur illi hawnhekk l-appellat f'dan il-mument kien altru li kien cert bil-provenjenza illecita tal-vann u l-fatt illi approfitta ruhu mis-sitwazzjoni u zamm xi parts anke taht il-pretest ta' xi pagament, xorta jgibu fic-censura tal-ligi.

Il-mibki Imhallef William Harding bil-ktieb tieghu "Recent Criminal Cases Annotated" jirreferi ghall-kaz Il-Pulizija versus Joseph Bugelli et deciz fl-24 ta' Jannar 1942 fejn jghid illi fil-kaz ta' ricetazzjoni dawn ir-regolamenti ghandhom japplikaw, "(1) the offence consists in an act subsequent to the main offence (theft, fraud, etc.), even though ancillary thereto, and constitutes and offence per se, and not a form of complicity. (2) three conditions are essential, i.e. (a) that previously, there has been the commission of an offence against property, (b) that the accused has received, or purchases, or, in any manner, taken part in the selling of the stolen property, and (c) that the accused be aware of the unlawful origin of the goods. (3) Anyone who by his own act, of whatsoever nature, facilitates the disposal of the goods, contravenes the section."

Fuq l-iskorta ta' dan it-taghlim din il-Qorti hija sodisfatta illi l-appellat kellu x-xjenza sabiex jirrelizza illi dik il-vettura kienet misruqa, giet konsenjata lilu minghajr pjanci izda ma ghamel l-ebda domanda dwar il-provenjenza tal-vann u ghaliex kien minghajr pjanci. F'dawn ic-cirkostanzi huwa ovvju illi l-appellat kellu aktar minn suspett dwar il-kriminozità tal-provenjenza. Mhux hekk biss, talli ffacilita t-tmexxija tal-oggetti meta deherlu li kellu jiehu xi partijiet minn dan il-vann.

Ghalhekk, fuq il-provi li kellha quddiemha, l-ewwel Qorti kellha ssib lill-appellat hati tal-akkuza ta' ricetazzjoni, izda madankollu din il-Qorti ukoll mhiex insensittiva ghall-informazzjoni illi tat Carmen Nygard, il-probation officer, li qalet lill-Qorti li l-appellat wera progress sostanzjali, attenda programm ta' riabilitazzjoni kontra d-droga, sab xoghol fiss u kellu tfal minn relazzjoni stabbli. Din l-informazzjoni taffettwa l-piena izda mhux il-htija.

Ghaldaqstant il-Qorti tilqa' l-appell, tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonferma n-nuqqas ta' htija fil-konfront tal-akkuzi ta' serq u hsara volontarja, izda tirrevokaha in kwantu ma sabitx htija ta' ricetazzjoni. U minflok tiddikjara lill-appellat hati ta' ricetazzjoni u per konsegwenza l-ksur ta' sentenzi sospizi, probation u recidiva. U peress li ma jidhirliex illi ghandha ttellef lill-appellat mill-progress illi huwa wera, tilliberah taht il-provvedimenti tal-artikolu 22 tal-Kap 446 bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sena mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------